C/2024/4534

16.7.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11552 — TOTALENERGIES / OQ SAOC / MARSA LIQUEFIED NATURAL GAS JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/4534)

1. Fl-4 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TotalEnergies EP Oman Development B.V. ("TEEPOD", in-Netherlands), ikkontrollata minn TotalEnergies SE ("TTE", Franza),

— OQ SAOC (Oman), ikkontrollata mill-Gvern tal-Oman permezz tal-Awtorità tal-Investiment tal-Oman (Oman),

— Marsa Liquefied Natural Gas LLC ("Marsa LNG", Oman).

TEEPOD u OQ SAOC se jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Marsa Liquefied Natural Gas LLC ("Marsa LNG") kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— TEEPOD hija prinċipalment attiva fil-likwefazzjoni tal-gass u fil-produzzjoni taż-żejt fl-Oman. TTE hija kumpanija globali tal-enerġija attiva prinċipalment fil-produzzjoni u l-bejgħ taż-żejt u l-bijofjuwils, il-gass naturali u l-gassijiet ekoloġiċi, l-enerġija rinnovabbli, u l-elettriku,

— OQ SAOC hija kumpanija globali tal-enerġija attiva fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt, tal-gass u tal-petrokimiċi.

3. L-attivitajiet kummerċjali ta' Marsa LNG se jkunu l-iżvilupp, il-kostruzzjoni u l-operat ta' proġett ta' bunkering tal-gass naturali likwifikat fl-Oman, li se jipprovdi gass naturali likwifikat bħala fjuwil lill-bastimenti tal-baħar.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11552 — TOTALENERGIES / OQ SAOC / MARSA LIQUEFIED NATURAL GAS JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz tal-posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË